



# Is-Sur Albert Pearson

## *L-ewwel President tas-Soċjetà San Gabriel*

**Kitba' ta' Anton Camilleri Dip. Lis**



It-twaqqif tas-Soċjetà San Gabriel nafuh lil grupp ta' rġiel, li f'April 1920 ftiehmu bejniethom li jwaqqfu każin ieħor f'Ħal Balzan. Wara li saru l-arranġamenti meħtieġa, fetħu każin ġo dar f'nru. 8, Triq Santa Marija bl-isem ta' *Circolo San Gabriele*. Bħal kull każin ieħor ġie ffurmat kumitat, u bħala l-ewwel President intgħażel Albert Pearson, żagħżugħ ta' madwar 27 sena. Hu kien il-bidu ta' lista ta' presidenti oħra li ħadmu biex is-soċjetà, hi dik li hi llum. Biss hu ma kellux iċ-ċans li jara lil din is-Soċjetà tiffjorixxi għax ġie maqtul qasir il-għomor.

### L-Ewwel Kumitat

Dak iż-żmien, u dan baqa' sal-1946, il-kariga ta' President kienet tinżamm għal sena. Miegħu fil-kumitat kien hemm Carmelo Buhagiar, Viċi President; Ġużeppi Muscat, Segretarju u Salvatore Attard, Kaxxier. Bħala membri kien hemm Ġużeppi Falzon, Ġużeppi Muscat Ebejer, Vitor Chetcuti u Luigi Micallef.[1]

Albert kien miżżewweġ lil Maria u kellhom tlett itfal Teresa, Thomas u Florence. Bil-familja huma kienu joqogħdu f'nru. 40 Triq il-Kbira.[2] Bħala xogħol hu kien jaħdem ta' *storekeeper* fil-ħabs ta' Kordin, xogħol li kien beda fl-14 ta' Mejju 1920. Missieru wkoll kien jaħdem mas-servizzi, bħala *accountant* fil-ħanut tal-*Barracks* tal-Imtarfa.

### Maqtul fuq il-post tax-xogħol

Pearson inqatel fuq il-post tax-xogħol it-Tnejn 1 ta' Settembru 1924, wara l-għaxra ta' filgħodu, meta l-priġunier Antonio Spiteri li kien qed jaħdem fil-ħanut miegħu tah daqqa ta' mannara fuq rasu. Priġunier ieħor li kien fuq il-post ipprova jwaqqfu, iżda ma rnexxilux, hekk li Spiteri ħareġ barra fil-kuritur u għamel l-istess lill-gwardjan Vinċenz Azzopardi, li kif sema' l-għajjat ħareġ jara x'inqala'. Meta l-Kap Gwardjan Salvatore Grech sema' lil Azzopardi jgħajjat għall-għajnuna, ħareġ mill-uffiċċju biex jara x'ġara hu wkoll, u jsib ma' wiċċu lil Spiteri li laqat lilu wkoll. Biċ-ċwievet li ħa mingħand Pearson, Spiteri ħareġ mill-ħabs u ħarab lejn il-knisja ta' Santa Ubaldeska f'Raħal Ġdid.

Il-gwardjani tal-ħabs malajr taw l-ewwel għajnuna lil sħabhom, iżda l-grieħi li sofra Grech u Pearson kienu gravi ħafna tant li malajr ittieħdu l-Isptar Ċentrali fuq trakk tat-Tarzna, li dak il-ħin kien nieżel minn ħdejn il-ħabs. Grech miet waqt il-vjaġġ u Pearson miet ftit wara kif kienu qed idaħħluh fl-isptar.

Meta l-Kap tal-Gvern Francesco Buhagiar sar jaf x'ġara mar iżur il-ħabs u wara għamel stqarrija fl-Assemblea Leġislattiva fuq dak li kien ġara. Mid-diskors tiegħu joħroġ li l-ħabsi Antonio Spiteri ta' 39 sena minn Kerċem f'Għawdex kien ikkonsiderat bħala bniedem ta' kondotta tajba u wieħed fost l-aħjar priġunieri. Hu kien qed jiskonta sentenza ta' 15-il sena ħabs b'xogħol iebes talli prova joqtol lil martu. Hu kien ġie sentenzjat 20 sena ħabs, iżda għall-karattru kwiet li kellu fl-1911 il-Gvernatur Sir Henry Leslie Rundle kien naqqaslu ż-żmien għal 15-il sena. Li kieku ma wettaqx dak li wettaq, kien joħroġ fl-1926.[3] Għall-kondotta tajba tiegħu, is-Supretendent tal-ħabs ried ineħħih mill-ħanut u jibagħtu fuq barra jagħmel xogħol ta' bini, xogħol li kien kapaċi jagħmel. Iżda Pearson ma riedx jitilqu minn taħt idejh għax kellu fiduċja kbira fih, u fuq kollox jekk jitlaq hu ma kienx se jsib ieħor bħalu. '*Pearson ... aveva la massima fiducia in questo Spiteri che ero molto fedele, e che non credeva di poter fidarsi di alcun altro dei prigionieri che egli conosceva.*'[4]

Waqt l-istess laqgħa tal-Assemblea Leġiżlattiva

fuq suġġerimenti ta' Prof. Dr A. Bartolo, l-Assemblea unanimament approvat kumpens mill-Gvern lill-qraba tal-vittmi.[5] Il-kumpens inħareġ liż-żewġ familji taħt forma ta' penzjoni. Fil-fatt il-mara ta' Pearson, Marija, li dak iż-żmien kellha 32 sena, ingħatat £40 fis-sena waqt li t-tfal, Teresa ta' 11-il sena, Thomas ta' 8 snin u Florence ta' 3 snin ingħataw is-somma ta' £7 kull wieħed fis-sena.[6]

## Funeral tiegħu f'Ħal Balzan

Il-funeral tal-vittmi sar it-Tlieta 2 ta' Settembru 1924. Telaq fis-6.20 ta' filgħaxija minn ħdejn l-Isptar Ċentrali tal-Furjana, u għadda minn Bieb il-Bombi fi triqtu lejn il-Blata l-Bajda. Jakkumpanjaw kien hemm il-banda u l-membri tal-kavallerija tal-Pulizija. L-ewwel mexa l-karru bit-tebut ta' Salvatore Grech u warajh kien hemm dak ta' Albert Pearson akkumpanjat mill-Kappillan ta' Ħal Balzan Dun Franġisk Saver Zahra, martu, uliedu u ħutu flimkien ma' qraba u ħbieb. Warajhom kien hemm is-Supretendent tal-ħabs u uffiċjali oħra fosthom il-kummissarju tal-Pulizija Frank Stivala flimkien ma' fizzjali oħra tal-korp. Maż-żewġ naħat tat-triq minn fejn għadda l-funeral, kien hemm numru kbir ta' nies li nġabru biex jagħtu l-aħħar tislima.

Kif il-funeral wasal il-Blata l-Bajda l-karrijiet infirdu, wieħed baqa' sejjer għall-Parroċċa ta' Ħal Qormi u dak ta' Pearson lejn Ħal Balzan fejn saret quddiesa *presente cadavere,* mill-Kappillan u wara saret id-difna fil-Knisja Parrokkjali. Fost il-kuruni tal-fjuri, kien hemm dik mill-kumitat taċ-*Circolo S. Gabriele*, li tiegħu Pearson kien l-ewwel President.[7]

## Spiteri jispiċċa fi sptar tal-mard tal-moħħ

Fil-5 ta' Mejju 1925, Spiteri beda għaddej ġuri quddiem il-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca mixli bil-qtil ta' Grech u Pearson, wara li t-Tlieta 2 ta' Settembru 1924 kien instab moħbi ġo bir bi ftit ilma fl-inħawi taċ-ċimiterju tal-Addolorata. Minn rapport li sar mill-espert ħareġ li l-akkużat kien miġnun. L-għada l-ġurati ħarġu b'verdett unanimu li Antonio Spiteri kien marid u għalhekk il-Qorti kkundannatu biex jintbagħat fl-Isptar tal-mard tal-moħħ.[8]

Referenzi

1 *Ħal Balzan* Jan/Frar 1976, 4
2 *Malta Government Gazzette* 28.02.1924, 60
3 *The Malta John Bull* 06.09.1924, 2
4 *Legislative Assemble* 01.09.1924, 243
5 Ibid.
6 *Blue Book* 1925, 78
7 *Daily Malta Chronicle* 04.09.1924, 10
8 Ibid., 7.05.1925, 14


